MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2006

Numru 236/2006

Il-Pulizija
(Sp Jeffrey Cilia u
Sp Josric Mifsud)
vs
Hafis Mohamed Ibrahim Bertawi,
iben Mohamed, imwieled is-Sudan fis-sena 1975

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli fil-21 ta’ diċembru, 2005, fil-Belt, Valletta, bil-ħsieb li jagħmel delitt wera dan il-ħsieb b’atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta’ tiegħu, meta bħala persuna li nieżlet l-art jew embarka f’Malta kellu ikun fil-pussess ta’ passaport u kellu jagħti lill-Uffiċjal Prinċipali ta’ l-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-

informazzjoni l-oħra kif l-Uffiċjal Prinċipali ta’ l-Immigrazzjoni jidhirlu xieraq li jeħtieġ.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta’ marzu, 2006 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikolu 41 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikoli 28 u 32(1)(g) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta’ Malta u tikkundannah għal piena ta’ xahar priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------